# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## Għaxar LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

**21 t'April, 2025**

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.20pm

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Francis Galea – Kunsilliera
Franco Bajada – Kunsillier
Marija Cassar Sultana - Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 11

11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 10
11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku
11.4 Attivitajiet
11.5 Komunikazzjoni
11.6 Ilmenti u suġġerimenti
11.7 Skeda tal-pagamenti 04/2025
11.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. Il-kunsilliera Maria Cassar bagħtet komunikazzjoni mas-Sindku li qiegħda mat-triq lejn l-uffiċċju tal-kunsill.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 10

11.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.10. Is-segretarja eżekuttiva bagħtet l-minuti tal-laqgħa Nru 10 lill-kunsilliera. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal, li rigward Triq Xamgħan, il-perit tal-kunsill iltaqa' mal-kuntrattur fejn flimkien għamlu l-livelli tat-triq. Dawn il-livelli ntbagħtu lill-awtorità ta' l-ippjanar biex minn naħa tagħhom jikkonfermaw li l-livelli huma tajbin. L-awtorità ta' l-ippjanar ikkonfermaw, li l-livelli tat-triq huma tajbin, hekk kif it-triq ilha mibnija snin twal u għalhekk il-livelli tat-triq huma dawk preżenti. Naturalment, bħala parti mix-xogħlijiet maħsuba, il-kuntrattur irid iqaxxar it-triq, jagħmel il-*concrete gutter* u jagħti l-ewwel kisja. Illum stess, is-sindku ċempel lill-kuntrattur, li minn naħa tiegħu, beħsiebu jibda x-xogħlijiet msemmija fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li jekk se jibda f'Ġunju, it-triq mhiex se tkun lesta sal-festa ta' Santa Margerita. Is-sindku qal, li hekk ikkonfermalu il-kuntrattur, però, jekk jiġi u jibda jaħdem b'mod regulari, is-sindku huwa kunfidenti li ta' l-inqas tkun ingħatat l-ewwel kisja asfaltar. Il-viċi sindku staqsa fuq is-*service culvert*, bis-segretarja eżekuttiva tagħraf lill-kunsillieri, li wieħed biss mhux mgħoddi mis-*service culvert* kif ikkonfermaw l-ħaddiema tal-korporazzjoni Enemalta. Is-sindku qal, li in-naħa tal-bini l-ġdid li se jgħaddu s-servizzi mis-*service culvert* taħt l-art.

11.3.2 Fuq il-*playing field*, ġew installati l-affarijiet kollha, però, l-kuntrattur ħalla ħafna affarijiet ta' skart, *pallets* ta' l-injam, mats, u hemm ukoll biċċa mill-bandla antika. Is-sindku wera ritratti meħuda mil-playing field bl-imbarazz kollu li ħalla l-kuntrattur.

11.3.3 14.24 Il-kunsilliera Cassar Sultana tidħol għal-laqgħa.

11.3.4 Il-viċi sindku staqsa lis-sindku jekk kellimx lill-kuntrattur biex ineħħi dan l-inkonvenjent. Is-sindku wieġeb li kellmuh, u minn naħa tiegħu qalilhom biex ineħħu dan l-imbarazz u jinqatgħu mill-flus pendenti kif hemm stipulat fil-kuntratt. Ta' min isemmi li l-perit irid jiċċertifika x-xogħol u għalhekk l-ispejjeż marbuta biex jitneħħa dan l-imbarazz, ikunu mnaqqsin mit-*tender*. Is-segretarja eżekuttiva ssuġġeriet li proġetti bħal dawn ikunu diskussi fil-binja tal-kunsill flimkien mal-proċess tax-xogħlijiet li ser isiru. Is-sindku qal, li hemm kollox miktub fuq il-kuntratt bl-obbligazzjonijiet minn naħa tal-kuntrattur. It-*tender* tat-tindif se jeħduh ta' l-għaqda ta' l-armar, però, hemm ħafna xogħol u qed jissuġerixxi li jitnaddaf mill-ħaddiema li hemm assenjati mal-grawnd ta' Sannat u l-imbarazz jintafa' ġo skips u jitħallsu huma. Is-segretarja eżekuttiva kkonfermat, li l-perit bagħat komunikazzjoni li biex jiżdied il-ħamrija fil-*playing field* kif kien issuġeriet fil-laqgħa preċedenti mhemmx bżonn permessi, iżda l-importanti li tkun ħamranija. Il-perit issuġerixxa minn fejn tista' tinġieb din il-ħamrija, u talbet lill-kunsillier Bajada biex jara kemm hemm bżonn ħamrija, biex tinġabar kwotazzjoni mingħand min issuġerixxa l-perit, u anki mbagħad jiġbru jekk hemm bżonn kwotazzjoni oħra mingħand ħaddieħor. Is-segretarja eżekuttiva talbet lill-kunsillier Bajada biex jerġa jibgħat ir-ritratti. Is-sindku qal, li għandha isir ukoll grada li tingħalaq filgħaxija, biex b'hekk jinqatgħu l-abbużi li jista' jkun hemm. Il-kunsilliera qablu li għandha jsir din il-grada li għandha tinfetaħ u tingħalaq f'ħinijiet stipulati, naturalment, fis-sajf idum ftit iktar. Il-kunsilliera qablu wkoll, li fil-ġimgħa tal-festa, il-*playing field* għandu jingħalaq ukoll filgħaxijiet biex jiġi evitat xi vandalizzmu. Il-grada se tingħalaq u tinfetaħ mill-għaqda ta' l-armar. Is-sindku semma li huwa mportanti li xħin jagħlqu l-*playing field* ma jkun baqa' ħadd hemm ġew. Is-segretarja eżekuttiva saħqet li l-ħinijiet tal-ftuħ u l-għeluq tal-*playing field* jinżamm konsistenti ma' dak li jkun miftiehem.

11.3.5 Is-sindku talab lis-segretarja eżekuttiva biex tagħti aġġornament fuq il-kameras tas-sigurtà. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti, il-kunsill qed jaħdem biex jitwaħħlu l-kameras tas-sigurtà fid-daħla ta' Sannat peress, li kif ġie rrapurtat kien qed isir xi abbuż ta' sewqan perikoluż fil-ħinijiet ta' bil-lejl. Rigward fondi, is-segretarja eżekuttiva fakkret li l-kunsill kien ħareġ żewġ tenders li wieħed ġie aġġudikat u l-ieħor ma ġiex aġġudikat. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li l-ammont ta' flus biex isiru l-kameras tas-sigurta kollha, kif kienu qablu l-kunsillieri kollha f'xi laqgħa preċedenti, ma kienx hemm fondi biżżejjed biex dawn jitwaħħlu. Issa li hemm il-ħtieġa li jsiru dawn il-kameras tas-sigurtà fid-daħla tar-raħal, is-segretarja eżekuttiva qalet li qed jaraw jistgħux isiru mill-ewwel *tender* li kien ħareġ, però f'dan il-każ se jkollhom iwaqqgħu it-*tender* biex ikun jista' jitnaqqas l-ammont. Minn naħa tad-DLG l-estensjoni kienet sal-25 t'April u ma kienx hemm żmien li taqa' t-tender u terġa toħroġ. Is-segretarja eżekuttiva tkellmet mad-dipartiment tad-DLG, fejn ġie kkomunikat biex il-kunsill jagħti r-raġunijet msemmija u minn naħa tagħhom ma jsibux oġġezzjoni u hekk ma jkunx hemm bżonn ta' estensjoni. Il-kunsill tkellem ma' dak li jieħu ħsieb il-*procurement* tat-*tenders*, u ġie deċiż li jaraw jġibux tlett kwotazzjonijiet bl-i*spesifications* li hemm

bżonn f'dak il-post partikulari u li jkunu *solar powered.* Is-segretarja eżekuttiva se tagħti aġġornament fil-laqgħa li jmiss.

11.3.6 Is-sindku talab lill-viċi sindku biex jinforma lill-kunsillieri fuq il-laqgħa li saret fis-sala ta' l-iskola fejn ġie diskuss l-possibiltà ta' rinnovar ta' din is-sala. Il-viċi sindku qal, li flimkien ma l-inġinier marru fuq il-post biex jaraw b'għajnejhom il-bżonnijiet li hemm bżonn. Il-viċi sindku kkonferma, li l-kap ta' l-iskola kienet indisposta, però saret telefonata magħha. Issemma ukoll, li meta s-sindku flimkien mal-viċi sindku marru qabel biex jaraw is-sala, ġiet diskussa wkoll l-possibiltà li titkabbar biex hekk tkun aktar aċċessibli. Is-segretarja eżekuttiva staqsiet, jekk f'din l-eventwalità, huwiex ser jittieħed mill-ispazju aħdar li għandha l-iskola. Skond il-viċi sindku, hemm l-ispazju biex is-sala titkabbar mingħajr ma jintmess l-ebda ġnien. Is-sindku qal, li tkellmu ukoll fuq il-possibiltà li jsir xi tip ta' gallarija, peress li s-sala hija għolja. Dan hu biss ħsieb, il-perit irid jikonferma jekk l-istruttura tiflaħx jew le. Fil-fatt, inizzjalment kienu qed jitkellmu biss fuq is-*sound* u d-dawl tas-sala, imma s-sindku saħaq li sinċerament huwa tal-fehma, li s-sala għandha bżonn rinovazzjoni kompluta. Il-kunsill qabad l-inġinier is-sur Christian Cordina biex joħroġ il-BOQs, biex minn hemm ikunu jistgħu jitkellmu ma' l-awtoritajiet konċernati, u anki jiddiskutu l-possibiltà ta' fondi. Is-sindku qal li f'din l-eventwalità, ix-xogħlijiet iridu jsiru fis-sajf. Il-viċi sindku semma ukoll li hemm bżonn li jiġu nstallati l-*air conditioners*, bis-segretarja eżekuttiva tisħaq li dan is-Sajf twaħħlu numru ta' *air conditioners* mill-Ministeru għal Għawdex, però il-viċi sindku jkkonferma li fis-sala ta' l-iskola mhemmx *air conditioners*. Is-sindku qal li din is-sala tintuża mill-għaqdiet kollha tar-raħal u għalhekk huwa mportanti li jsir dan l-investiment. Parti mill-fondi huwa ppjanat li joħorgu mill-fondi tad-DPF, bil-fondi l-oħra jiġu diskussi ma' Dipartiment ta' L-Edukazzjoni, Ministeru għal Għawdex u r-reġjun t'Għawdex. Is-segretarja eżekuttiva semmiet ukoll li s-sala tal-kazin tal-banda ġiet rinnovata permezz ta' fondi tal-GAGF u ġiet tiswa l-ammont ta' (€102,000), liema fondi nħarġu kollha mill-kunsill, għax ammont żgħir għadhom għaddew il-*claim* mitluba. Is-segretarja eżekuttiva saħqet, li l-kunsill flimkien ma' l-għaqdiet għandhom jużaw din is-sala mingħajr ħlas, għax din kienet waħda mir-rekwiżiti biex setgħu ingħataw il-fondi. Is-sindku rrimarka ukoll, li bħala aċċesibiltà, irid jiġi nstallat lift. Is-sindku kompla, li jekk il-kunsill jirnexxielu jġib xi fondi u jsir investiment fis-sala ta' l-iskola, irid isir arranġament li l-għaqdiet tar-raħal jużaw is-sala ta' l-iskola mingħajr ħlas. Il-viċi sindku ltaqa' ma' l-inġinier fuq il-post u konsegwentement qed jipprepara l-istimi relatati mad-dwal u s-*sound* tas-sala. Is-segretarja eżekuttiva rrimarkat, li l-iskola kienet diġa għaddiet stimi relatati ma' l-imsemmija dwal u *sound* tas-sala ta' l-iskola, żewġ stimi kienu tad-dawl u l-oħra kienet tinkludi dawl u *sound* ma' xulxin. Is-sindku qal, li xorta l-istimi jridu jiġi aġġornati. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li x'ħin ikollhom l-istimi flimkien ma' l-installazzjoni (importanti li jkunu EU standard), kif ukoll l-kwotazzjoni minn naħa ta' l-inġinier, imbagħad isejħu laqgħa mar-rappreżentati tad-DPF. Is-sindku qal li huwa mportanti li ma jiġrix bħal il-proġett tal-kameras tas-sigurtà, fejn kien hemm xi persuni neqsin għal-laqgħa, u sa' llum dan il-*meeting* għadu ma sarx. Is-segretarja eżekuttiva talbet lis-sindku, biex ifakkar li min għandu r-responsabiltà li jibgħat imejl u jagħmel l-appuntamenti mill-uffiċċju tal-kunsill, dawn isiru kemm jista' jkun malajr.

11.3.7 Is-sindku semma wkoll, li xi ħaġa li ssir kull sena flimkien ma' l-iskola, hija l-organizzazzjoni tal-*field* day li jsir fil-grawnd tal-futbol ta' Sannat. Il-kunsill ta' kull sena jisponsorja l-midalji, xi stationery żgħira, flimkien ma' frotta u flixkun ilma għal din l-attività. Din l-attività tista' tkun marbuta ma Jum Sannat. Il-Kunsilliera qablu li bħal kull sena, l-kunsill ikun parteċipi f'din l-attività, billi jisponsorja l-affarjiet msemmija, u għalhekk is-sindku se jiġbor l-istimi relatati.

## 11.4 Attivitajiet

11.4.1 Fis-sitta u għoxrin (26) t'April se jiġi ċċelebrat Jum Sannat. Il-program se jibda b'quddies fis-7pm fil-knisja Santa Margerita imbagħad wara jkun hemm l-attività fil-pjazza, dejjem jekk it-temp jippermetti, inkella jsir fis-sala ta' l-iskola. Din is-sena, il-programm se jkun kemmxejn differenti, fejn se jkun hemm kantanti stabiliti minn Sannat, oħrajn emerġenti kif ukoll l-kor tal-parroċċa. Is-sindku semma, li l-kunsill irċieva kritika li dejjem jiġu mistiedna l-banda Santa Margerita għal din l-attività, u għalhekk, din is-sena se jiffukaw fuq talent mużikali u korjografija ta' żfin lokali u hekk jingħataw opportunità biex jesebixxu t-talenti tagħhom.

11.4.2 14.50 il-laqgħa ġiet sospiża biex il-kunsilliera jiddeċiedu fuq il-premju Ġieħ Sannat u żagħżugħ/a tas-Sena.

11.4.3 14.54 il-laqgħa tkompliet. Il-laqgħa ġiet sospiża biex il-kunsilliera jiddeċiedu r-rebbieħ ta' Ġieħ Sannat 2025u żgħażugħ/żgħażugħa tas-sena 2025.

11.4.4 Fit-3 ta' Mejju se jittella l-attività marbuta mal-*wine festival* 'Est,Est,Est'. L-inbid ġie ordnat, mħallas u se jinġab qrib l-attività, skond ir-rakkomandazzjonijiet tas-Sur George Borg li għamel l-ordni ta' l-inbid f'isem il-kunsill. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li s-sena l-oħra wkoll kien hemm dan il-ftehim, però, xorta nġab ġranet qabel l-attività msemmija. Din is-sena, se jkun hemm inbid differenti, naturalment, l-inbid li l-aktar jintogħġob se jkun disponibbli wkoll. Din l-attività, se tittella fi pjazza Santa Margerita, u waqt din l-attività, l-pjazza ser tkun magħluqa kompletament għat-traffiku. Il-kunsillier Bajada qal, li huwa mportanti li r-residenti jkunu nfurmati bl-għeluq ta' ċertu toroq.

## 11.5 Komunikazzjoni

11.5.1 Fuq permessi mitluba lill-kunsill minn individwi partikulari, ir-residenti qed ikunu nfurmati ġurnata qabel permezz tal-paġna soċjali tal-kunsill li ċertu triqat se jkunu magħluqa. Is-segretarja eżekuttiva stqarret li veru qed jinagħtaw ħafna permessi, u anki f'ċertu każijiet il-ħin qed ikun estiż fl-istess ġurnata, apparti l-fatt li f'ċertu każijiet qed jingħalqu toroq pla permess. Ħaġa oħra ta' min wieħed isemmi huwa l-fatt li uffiċċjali mhux dejjem qed ikunu disponibbli. Il-*community police* mhux dejjem ikun disponibbli u teknikament jekk fil-permess ikun hemm miktub li jrid ikun uffiċċjal u dan ma jkunx disponnibli, suppost il-permess ma jkunx validu. Is-segretarja eżekuttiva ħeġġet lill-kunsillieri biex xħin jaraw xi triq magħluqa jiċċekjaw mal-kunsill hemmx permessi maħruġa. Is-sindku qal, li qed ikun hemm okkażżjonijiet li l-applikant iħallas biex ikollu uffiċċjal, però, f'dik il-ġurnata, mhux dejjem ikun hemm uffiċċjal disponibbli. F'ċertu permessi jkun hemm bżonn iktar minn uffiċċjal wieħed minħabba permessi partikulari.

11.5.2 Is-sindku qed jirċievi lmenti mingħand persuni li qed isiru xi xogħlijiet il-Ħdud u festi pubbliċi. Is-sindku qal, li f'dawn il-każijiet ma jirrapurtawx lill-pulizija, iżda lill-BCA. Is-segretarja eżekuttiva se tibgħat in-numru tal-BCA fuq iċ-*chat* tal-kunsillieri, flimkien mad-dokumentazzjoni marbuta ma restrizzjonijiet ta' xogħlijiet li jsiru fil-Ħdud u festi pubbliċi.

11.5.3 Is-segretarja eżekuttiva semmiet, li illum stess kellmet lil min hu responsabbli fuq iż-żbir tas-siġar, fejn qalilha, li għadhom jistennew il-permessi mil-ERA biex ikunu jistgħu jinżabru s-siġar. Il-kunsillier Bajada bagħat xi ritratt ieħor lis-segretarja eżekuttiva fuq xi siġra li għandha bżonn ukoll iż-żbir.

11.5.4 Is-sindku kellu laqgħa oħra mal-kumpanija tal-*filming* li qed taħdem partijiet minn film fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini, li talbu xi ġranet addizzjonali f'Mejju biex ikomplu l-*filming*. Is-segretarja eżekuttiva nfurmat lill-kunsillieri, li bagħtet emejl lil din il-kumpanija għal donazzjoni ta' elfejn ewro (€2000), però, s'issa għadhom ma kkonfermawx. Is-sindku saħaq ukoll, li f'dik l-eventwalità li jkun hemm xi ġranet li se jsir il-*filming*, għandhom jinfurmaw lill-pubbliku, li l-bajja ta' Mġarr ix-Xini se tkun temporanjament magħluqa. Din il-kumpanija tal-*filming* bagħtet ukoll imejl lill-kunsill, biex jekk f'dawn id-dati, jiġifieri mid-dsatax (19) ta' Mejju sas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju, hemmx ippjanat li jkun hemm xi festival, attivitajiet, festi jew ħruq tan-nar. Is-sindku qal, li f'dak iż-żminijiet jista' jkun hemm li jinġieb xi nar bil-baħar għal-festa tal-Munxar. Il-kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li l-kumpanija tal-*filming* li l-aħjar li jkellmu lill-pulizija.

11.5.5 Is-segretarja eżekuttiva qassmet sett ta' ritratti marbuta max-xogħlijiet li qed isiru marbuta ma' ġonna u pjanti. Is-sindku qal, li la qed isemmu Ġnien il-Bidwi, bħalissa

qiegħed bla dawl għax hemm fanali mkissrin, probabilment li kaġun ta' tromba li għaddiet mill-inħawi. Inqata' id-dawl biex jiġi evitat kull periklu, sakemm dawn il-fanali jiġu mibdulin. Is-segretarja eżekuttiva semmiet ukoll li l-pompa li hemm fil-Ġnien il-Bidwi ġiet irranġata minn naħa tal-kuntrattur, però, bħalissa kif semma s-sindku hemm il-dawl maqtugħ.

11.5.6 Ċirkulari numru SPI/SCI/03/2025, titkellem fuq l-inizjattiva marbuta ma' lokalitajiet aktar nodfa. Is-sindku qal, li jista' jsir *clean-up* campaign ma' l-NGOs jew anki ma' l-iskola. Il-kunsilliera qablu li għandhom japplikaw għal din l-inizjattiva.

11.5.7 Is-segretarja eżekuttiva qalet li lestiet il-formuli biex jintlew minħabba *seating reservation* marbuta ma' l-attività ta' Jum Sannat.

11.5.8 Is-segretarja eżekuttiva talbet *update* lill-perit fuq it-*traffic manangement plan* ta' Triq il-Kbira li l-kunsill kien ordna taħt il-gwida ta' *transport Malta.* Il-perit ikkonferma li qed jaħdem fuq dan il-pjan u qed jikkalkula li jkun lest sa' tliet ġimgħat oħra.

11.5.9 Il-kunsill rċieva talba mil-għaqda tan-nar Santa Margerita, biex bħas-snin l-imgħoddija l-kunsill joffri għajnuna finanzjarja. Il-kunsilliera qablu li għandha tingħata l-għajnuna mitluba marbuta ma' l- Insurance (€2435), fire engine (€1036) u police permit (€600). Rigward l-*fire engine* u l-permess tal-pulizija, il-kunsill jista' jitlob reviżjoni mingħand ir-reġjun t'Għawdex, peress li hemm skema marbuta. Il-kunsilliera qablu li għandha tingħata din l-għajnuna lil din l-NGO.

11.5.10 Is-segretarja eżekuttiva qalet, li rigward is-siġra l-kbira li hemm fil-pjazza, huwa kkonfermat li ma hemmx l-ebda sinjal li ħiereġ xi weraq ġdid, għalkemm wieħed irid isemmi li hemm fergħa li għadha ħadra. Il-kunsill se jistenna x'se jiġri, u x'pariri se jingħataw mill-esperti. Fl-eventwalità li din tinqala', titħawwel waħda minflokha kemm jista jkun kbira.

11.5.11 L-awtoritajiet ta' l-artijiet talbet lill-kunsill jikkonferma ż-żmien meta kien magħluq restorant minħabba x-xogħlijiet li kienu għaddejjin fil-pjazza. Is-sindku qal li dan l-istabilliment ħallas l-*encroachment*, u intalbu mill-awtorità ta' l-artijiet biex jagħtu din l-informazzjoni, biex hekk il-perjodu li ma setax jiftaħ u li ħallas għalih, ikunu jistew jikkompensawh billi jkollu perjodu li ma jħallasx.

11.5.12 Minn naħa ta' l-*events* fi ħdan il-ministeru għal Għawdex u l-ippjanar talbu lill-kunsill biex jagħti l-informazzjoni ta' attivitajiet li se jkun organiżżati minn Lulju sa Settembru. Is-sindku għadda din l-informazzjoni lill-ħaddiema ta' l-uffiċċju li minn naħa tagħhom se jgħadduha lil ta' l-*Events*.

11.5.13 Iċ-ċirkularijiet qiegħdin jintbagħtu kollha lill-kunsilliera. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li kien hemm laqgħa *online* fuq spazji miftuħa, fejn il-kunsillera kollha qalu li m'attendewx b'mod virtwali għal din il-laqgħa.

11.5.14 Il-kunsill rċieva talba jekk humiex interassati li jkollu *interms*. Dawn l-istudenti ma jkunux imħallsin, però irid ikun hemm xogħol għalihom, ma jistax ikollu responsabiltà jew jiltaqa' *face to face* ma' residenti. Is-segretarja eżekuttiva hija tal-parir li ma jiġux aċċettati sakemm jinħatar is-segretarju eżekuttiv il-ġdid. Is-sindku qal li min japplika bħala student, dawn jiġu aċċettati. Is-segretarja eżekuttiva saħqet li almenu darba f'ġimgħa jiġu l-kunsill, jew ta' l-inqas jagħmlu kuntatt. Is-sindku semma wkoll li bosta drabi dawn l-istudenti jiġu jagħtu daqqa t'id fl-attivitajiet organiżżati mill-kunsill.

11.5.15 Is-segretarja eżekuttiva semmiet li hemm ċertu organizzazjonijiet minn pajjiżi diversi fosthom Lithuania, Spanja, Grecja, Ungerija, Latvja, Franza, Polonja u Finlandja li qed ifittxu *partners* biex jidħlu f'xi proġetti magħhom. Dawn il-komunikazzjonijiet intbagħtu lill-kunsilliera.

11.5.16 Il-kunsill rċieva kont mingħand il-kuntrattur li ħadem fuq il-playing field ta' Triq Marziena. Is-segretarja eżekuttiva qalet li qabel ma jitneħħa l-imbarazz, ma jitħallasx. Is-sindku qal, li kif semma aktar qabel, il-perit mhux se jiċċertifika x-xogħol. Jitneħħa dan l-inkonvenjent kif diġa miftiehem, u jinqata' l-ammont ta' dik il-parti tal-BOQ li kellu fil-kuntratt. Is-segretarja eżekuttiva se tħalli nota mas-Sa. Geraldine, biex dan il-kont ma jitħallasx u tistenna l-istruzzjonijiet mis-sindku. Is-segretarja eżekuttiva talbet lill-kunsillier Bajada f'isem l-għaqda ta' l-armar, biex ma jaħartux għalissa qabel ma jkollhom l-approvazzjoni.

11.5.17 Is-sindku semma li f'dawn iż-żminijiet, il-kunsill jirċievi komunikazzjoni li ma jistax jinqata' ħaxix, minħabba li ż-żunzana Maltija tkun qed idakkar. Naturalment, il-kunsill jirċievi ħafna kritika li il-ħaxix mhux jinqata'. Is-sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera biex fejn tissemma din il-kritika ifehmu ftit ir-ragunijiet għala mhux jinqata' ħaxix fit-toroq. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li la kienu qed jitkellmu fuq it-toroq, qed jidħlu ilmenti fuq nuqqas ta' ndafa f'ċertu toroq partikulari, fejn u setgħet tikkonfermah hija personali. Is-sindku qal, li huwa personalment mar ma' dan il-ħaddiem li għandu r-responsabiltà tat-tindif tat-toroq imsemmija. Is-sindku saħaq miegħu li jekk mhux se jnaddaf, ma baqalux post fil-kunsill ta' Sannat. Is-sindku se jerġa jagħmel laqgħa mal-ħaddiema.

11.5.18 15.25 il-laqgħa ġiet sospiża

11.5.19 15.30 il-laqgħa tkompliet

11.5.20 Is-segretarja eżekuttiva qalet, li l-kumpanija tal-*filming* li kienet Mġarr ix-Xini, irrapurtat li fl-20 ta' Marzu, kien hemm tabella fil-bajja ta' Mgarr ix-Xini li waqgħet kaġun li x'aktarx kienet imsadda. Is-segretarja eżekuttiva kompliet, li l-kunsill qatt ma rċieva rapport li kien hemm xi tabella li waqgħet, però, ikkonfermat ukoll li l-kumpanija tal-*filming* se twaħħal tabella ġdida.

11.5.21 Fil-25 t'April se jkun hemm laqgħa mill- *Strategic Voluntary Sector*, bis-segretarja eżekuttiva tistieden lill-kunsilliera biex min ikun interessat, japplika għal din il-laqgħa.

11.5.22 Fl-10 t'April kien hemm laqgħa marbuta mad-*Disabilty Allowances, Pensions and Entitlement*, bis-segretarja eżekuttiva tistaqsi, jekk kienx hemm xi kunsillier li attenda il-laqgħa msemmija. L-ebda kunsillier ma attenda.

11.5.23 Ser isir *rehearsal* t' Jum Sannat, L-Erbgħa 24 t'April, kif ikkonferma s-sindku. Is-segretarja eżekuttiva qalet li tixtieq li din it-tip ta' komunikazzjoni toħroġ mill-kunsill. Il-viċi sindku qal li jekk it-temp ma jippermettiex, u l-attivitàjsir fis-sala ta' l-iskola, importanti li jaħsbu għas-*sound.*

11.5.24 Is-segretarja eżekuttiva nfurmat lill-kunsilliera bi programm taħt l-isem *Young Elected Politicians*. Programm immirat għal zagħzagħ li jixtiequ jidħlu fil-politika.

11.5.25 Il-kunsilli huma mħeġġa li jgħinu biex persuni japplikaw għal *Heritage seniour passport* għal persuni li għandhom sittin sena l-fuq. Il-kunsill se jagħmel avviz fuq il-paġna soċjali, biex min ikun interessat iġib l-karta ta' l-identita' u ħaddiem mill-kunsill jgħinu/jgħinha japplika għal din il-card.

11.5.26 Bħal kull sena, ser tittella 'Science in the City' fiċ-Ċittadella fis 26 u 27 ta' April, min irid jista' japplika.

11.5.27 Is-segretarja eżekuttiva nfurmat li qed ikun hemm korsijiet u laqgħat ta' informazzjoni, li huma opportunitajiet ta' tagħlim. Is-segretarja eżekuttiva ħeġġet li kull min hu interessat għandu japplika fil-*links* imsemmija.

11.5.28 Is-segretarja eżekuttiva qalet, li ħarget *update*, biex jekk ikun hemm xi kumpanija jew stabilliment li joffri xi skont jew xi tip ta' rigal lill-kunsilliera, huwa mportanti li jinfurmaw lill-kunsill biex jitniżżel fil-*Hospitality register*. Is-segretarja

eżekuttiva fakkret lill-kunsilliera li jekk jiġu offruti rigal ta' valur ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), huma obbligati li jirrifjutawh.

11.5.29 Kien hemm xi korrispondenza li għandha x'taqsam ma' tad-*deaf*, rigward xi laqgħa informattiva.

11.5.30 Fis-7 ta' Settembru ta' din is-sena, se jinbidlu r-regolamenti ġodda tal-*health and safety* u se jidħlu fis-seħħ. Il-*projects kollha* li jaqbżu s-sebgħa (7) ta' Settembru 2025, jista' jkun li jibdlu l-*permits online* tagħna. Is-segretarja eżekuttiva qalet li jista' jkun hemm li jiżdiedu xi complaints minħabba dawn ir-regolamenti ġodda. S'issa, bħala kunsilli m'għandux informazzjoni konkreta. La qed isemmu regolamenti, is-segretarja eżekuttiva qalet lis-sindku, biex jiċċekja fuq xi *scaffolding* li ntrema bla permess.

11.5.31 Ser issir mixja *Walk for Hope* – Zonqor Point għal St Thomas Bay fis-sebgħa u għoxrin (27) t'April.

11.5.32 *Consultation meetings* fuq il-*voluntary sector*, fejn anki ser isiru waħda f'Għawdex. Rigward il-laqgħat tar-reġjun t'Għawdex, is-segretarja eżekuttiva talbet lis-sindku li jekk ikun hemm xi nformazzjoni mportanti, jgħaddiha mill-ewwel lill-kunsill.
Fuq ir-*Rights for Children's Council*, is-sindku ma setax jattendi, u ma mar ħadd mill-kunsillieri minfloku. Laqgħa tal-kunsill tat-tfal li jsir ta' kull xahar, is-sindku qal li personalment jiftħilhom, u joqgħod ftit għal-laqgħa biex ikun hemm rappreżantant tal-kunsill.

11.5.33 Il-kunsilliera bħas-soltu qed jirċievu l-permessi maħruġa u mitluba lill-awtorità ta' l-ippjanar. Is-segretarja eżekuttiva qalet lill-kunsilliera li huwa mportanti li jarawhom u jekk ikun hemm iktar informazzjoni jew jaħsbu li għandhom jagħmlu oġġezzjoni, jinfurmaw il-kunsill kemm jista' jkun malajr.

## 11.6 Ilmenti u Suġġerimenti

11.6.1 Fi Triq Skerla, il-kunsill irċieva żewġ imejls mill-istess propjetà, jilmentaw fuq skart u ħmieġ relatati mal-proġett. Il-kunsill wieġeb, li dan mhux proġett taħt ir-responsabbiltà tal-kunsill, però, xorta se jkellmu lill-kuntrattur biex inaddaf kif diġa' sar preċedentement.

11.6.2 Daħal ilment li fi Triq il-Gruwa hemm xi *dog bin* mkissra. Din il-parti ġiet ordnata biex tissewwa.

11.6.3 Daħal rapport fuq skart fejn id-dar tal-qtates, li nġabar mill-ħaddiema tal-kunsill. Huwa mportanti li dawn il-persuni jkellmu huma personalment minn qed jitfa' dan l-iskart. Il-kunsill bagħat lill-pulizija tal-kommunità.

11.6.4 Nuqqas ta' tabelli u sinjali fit-toroq, fid-daħla taċ-Ċnus u triq Dun Luqa speċjalment li hemm *black corner.* Huwa mportanti, li l-kunsill jieħu ħsieb, bis-sindku jsemmi li qed jistennew mingħand it-*T
ransport Malta*. Il-kunsilliera Cassar Sultana staqsiet meta ser jgħaddi s-servizz tad-dranaġġ, fil-parti l-ġdida ta' triq Dun Luqa. Is-sindku qal, li hemmhekk hemm *tender* maħruġ mill-Ministeru t'Għawdex, però, il-problema qed tkun li hawn nuqqas ta' ħaddiema u kuntratturi.

11.6.5 *Intervention Team* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex bagħat imejl lill-kunsill rigward terapien fil-limiti ta' Palazzo Palina. Il-kunsill reġa kellem lill-korporazzjoni ta' l-ilma. Din hija l-istess żona li l-kunsill rċieva ittra bl-avukat.

11.6.6 Daħal ilment li kien hemm xi boroż ħodor li ma nġabrux fi triq Xamgħan u tħallew quddiem ir-residenza tiegħu. Dawn il-boroż inġabru, però, suppost dawn il-boroż jinġiebu mill-ħaddiema fil-*pick up points* indikati biex dawn il-boroż jinġabru, però dawn qed jibqgħu hemm.

11.6.7 Id-dipartiment tal-gvern lokali bagħat ilment li rċieva mingħand persuna partikulari fuq bankina fi Triq Paranji, biex jitnekka cement u materjal ieħor ta' kostruzzjoni. Il-*community police* ġie nfurmat

11.6.8 *Wires* mikxufin fi ġnien il-Bidwi, l-kuntrattur mar wara ħafna tentattivi biex jaqta' d-dawl.

11.6.9 Rigward id-dawl tan-naħa ta' wara ta' triq Xamgħan, il-kunsill reġa rċieva ilment ieħor fuq nuqqas ta' dawl. Is-sindku semma, li kumbinazzjoni illum kellmitu persuna ta' nazzjonalita Ingliża, li l-kuntrattur tal-binja saħaq, li t-triq ġiet esproprijata u ġiet pubblika. Is-sindku kkonferma mal-kuntrattur li minn naħa tiegħu kkonferma li ġiet pubblika. Il-kunsilliera qablu li għandhom jistennew li din il-persuna biex iġib il-kuntratt tax-xiri u li mgħadux privat. Il-kunsill minn naħa tiegħu ikun irid igib konferma mad-dipartiment ta' l-artijiet li veru ġiet pubblika. Is-segretarja eżekuttiva ssuġġeriet li għandhom ikellmu lis-sidien tal-apartamenti biex ikellmu lill-kuntrattur biex jara l-possibiltà li jwaħħal bozoz mal-faċċata. Apparti minn hekk , is-sindku semma wkoll li hemm ħmieġ kbir f'din iż-żona.

## 11.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 04/2025

11.7.1 Is-Segretarja Eżekuttiva ressqetl-iskeda ta' pagamenti Nru. 04/2025 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Is-segretarja eżekuttiva qalet li tqassmet imejl, biex iħallsu l-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-*community scheme*. Ma kienx zball minn naħa tal-kunsill ta' Sannat biss, imma tal-kunsilli kollha, biex ikun hemm l-approvazzjoni biex jitħallsu mal-paga ta' dak ix-xahar. Hemm *attachment* ma' l-iskeda u ma jfissirx li dawn ser jitħallsu doppjament. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Francis Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-*Internet Banking*. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-Kunsillier Bajada . L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 11.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

11.8.1 Il-laqgħa ntemmet fil-4.01pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju , fis-6.00 pm

Konfermati, illum 26 ta' Mejju 2025

Philip Vella
Sindku

Marie Josette Vella Magro
Segretarja eżekuttiva